# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 317/01**

**Numru 29**

**W J Parnis England Limited**

**vs**

**V G Tiles Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija erba u erbghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm744.30) rapprezentanti somma dovuta ghas-servizzi rezi mill-kumpanija mittenti, skond l-invoices bin-numru 18148 u 18398 u li parti minnha thallset permezz ta' zewg cheques mahruga minn Victor Galea li ma gewx onorati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 30 ta' Jannar 2001 u bl-imghax mid-data tal-prestazzjoni tas-servizz sal-pagament effettiv kontra l-kumpannija konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-13 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm744.30,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg